# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 28 /2026

**Data tal-laqgħa:** 9 t'April , 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

## 28.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

28.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan l-istadju ma kienx hemm hemm ittri t' apoloġiji x'jinqraw għaliex il-membri kienu kollha preżenti.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27

28.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 27 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Kunsillier Jospeh Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Intbagħat komunikazzjoni fejn hemm direttiva li fuq tqegħid ta' kiosks issa il-permessi għal dawn ħa jkunu responsabbilta' tal-Kunsill.

28.3.2 L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali flimkien mal-Koordinatur Djoċesan għall-Intelliġenza Artifiċjali, Rev. Dr Jean Gov, u l-Awtorita għall-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, qed iniedu sessjonijiet ta' litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali għall-pubbliku ġenerali, b'mod speċjali għall-anzjani (60+). Dan ħa jiġi reklamat fuq il-midja soċjali tal-Kunsill biex min ikun ineterssat ikun jista' japplika.

28.3.3 Kommunikat mis-Sur Mario Aquilina biex jekk xi ħadd jikkuntattja l-Kunsill fejn hemm ferħ naħal (swarm) mahrub u li qed tkun ta' periklu għan-nies, dan jiġi kkuntattjat.

28.3.4 Il-Lands bagħat il-Kuntratt rigward il-klinika u issacqednsitenneew – L0115/1983/0001 – Premises no. 10. Trqi Danny Cremona.

28.3.5 Fuq Il-koordinazzjoni ta' attivitajiet fil-beraħ u xogħlijiet pubbliċi, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) infurmat li ħarġet l-Istrument Amministrattiv Nru. 1 tal-2026, dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom minn kundizzjonijiet estremi tat-temp, b'mod partikolari waqt Twissijiet Ħomor tat-Temp (Red Weather Alerts).

28.3.5.1 Dan l-Istrument ġie ppubblikat skont il-mandat tal-Awtorità taħt Kapitolu 646 tal-Liġijiet ta' Malta u jintroduċi rekwiżiti regolatorji obbligatorji bil-għan li jipproteġu lill-ħaddiema involuti f'attivitajiet fil-beraħ fejn kundizzjonijiet estremi tat-temp jistgħu jżidu b'mod sinifikanti r-riskji fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk il-ħaddiema li jaħmu fuq barra fil-Kunsill ma jingħatawx xogħol fuq barra u ta' periklu met ajun hemm red weather alerts.

28.3.6 Fid-29 ta' Marzu karozza daħlet ġo merħba Ħal Kirkop li qiegħda fir-roundabout tad-dħul għal Ħal Kikrop. Dan sar rapport imma ħsara ma kienx hemm.

28.3.7. Kommunikat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokai Minħabba l-istaġun tal-festi li ġej, il-Pulizija ser tkun qed tilqa' applikazzjonijiet għall-armar tal-festi, marċi, programmi mużikali u purċissjonijiet online b'mod elettroniku, minflok il-permessi li normalment kienu jsiru permezz tal-kartuna l-blu.

28.3.7.1 Huwa mifhum li numru ta' kunsilli lokali kienu jagħtu n-"no objection" tagħhom permezz ta' timbru u firma fuq l-istess kartuna l-blu. Għaldaqstant, fil-każ li din kienet il-prassi adottata fil-lokalitajiet rispettivi, il-kunsilli qed jiġu ggwidati sabiex minn issa 'l quddiem, u għall-organizzaturi li jagħżlu li japplikaw online

b'mod elettroniku, in-"no objection" tal-kunsill tingħata permezz ta' ittra uffiċjali fuq il-letterhead tal-kunsill u ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv, jew inkella permezz ta' email uffiċjali mill-istess kunsill. Din id-dokumentazzjoni mbagħad tkun tista' tiġi uploaded mill-organizzaturi fuq il-pjattaforma elettronika.

28.3.8 Is-Sistema min-naħa tal-ARMS ħa tibda titħaddem mis-16 ta' Mejju. Jitħallsu ammont ta' cash u jiġi depożitati fix-xahar. Ġranet ħa jkunu it-Tnejn u L-Erbgħa.

28.3.9 Il-Kunsill Lokali rċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Matthew Tonna Gilford minn Strada Rjali, fejn talab l-għajnuna tal-kunsill sabiex jiġu identifikati persuni mill-lokalità li huma magħrufa b'laqam partikolari jew li għandhom storja interessanti relatata magħhom.

28.3.9.1 Fil-komunikazzjoni tiegħu, huwa spjega li l-portal Strada Rjali minn żmien għal żmien jippubblika stejjer dwar individwi partikolari li jkunu magħrufa fil-komunità minħabba xi karatteristika, laqam jew esperjenza unika. Barra minn hekk, hemm ukoll sezzjoni ddedikata għal persuni li għaddew minn esperjenzi diffiċli jew li kienu f'xifer il-mewt iżda salvaw b'xorti tajba.Is-Sur Tonna Gilford informa wkoll li mal-komunikazzjoni tiegħu ġew annessi żewġ links sabiex il-kunsill ikun jista' jifhem aħjar it-tip ta' stejjer u kontenut li qed jiġi mfittex.

28.3.10 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ikkoumika li d-dwal fit-Triq L-Imdina – qed jagħmluhom u ser ikunu lesti għall-aħħar ta' April

28.3.11 Kien hemm komukikazzjoni ħabba d-dar tas-Sorijiet biex tkun iffrimata mil-Kunsill għax għaddiet għal fondazzjoni Afordable Ħouses għax ma setgħatx tibqa' tieu ħsieb il-knisja, ċens ta €10,000 sena għal 40 sena, kull 5 snin togħla

bl-għol tal- ħajja. Ħa tkun parti night shelter li ħa jkun bieb għalih u naħa social housing.

## 28.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

28.4.1 Il-Kunislliera Ritienne Caruana staqsiet fuq il-Bus Shelters. Dawn ħa jkunu qed jiprijotażaw iż-żoni Turistiċi u dawk li l-iktar jintużaw. Rigward Ħal Kikrop, il-Kunsill ma jistax jagħmel bus shelters ġodda ħlief jirranġa dawk li hemm. Ma' dan kollu s-Sindku qal li l-ħaddiema kienu jafu li dan ix-xogħol irid isir b'mod speċjali għal bus shelters ta' triq Ħal Safi.

28.4.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet fuq ix-xogħol tal-Public Works u Water Services. Is-Sindku Matthew Agius Zammit wieġeb li qed jaħdmu fuq 4 fażijiet – Fażi 1- Triq Karlu Darmanin fuq drannaġġ ilma u kulvert ħabba storm water. Triq San Pietru, Triq Danny Cremona, Triq Valletta u Triq ir-Ramlija. Fażi 2 Triq Nardu Ellul. Fażi 3 Triq Gużè Kristofnu Fażi 4 – Triq Danny Cremona fejn transport u r-rotti ta' tal-linji mhux ħa jiġu afetwati. Parti minn Triq San Pietru ħa tiġi 2 way u r-rotta tal-linja mhux ħa tiġi interrotta.

28.4.2.1 Triq San Ħal Safi, Triq Dun Ġuzepp Barbara u Triq Francis Mizzi, bdew minn quddiem il-grawnd, għamlu 4 xhur weqfin u ma jista jsir xejn min-naħa tal-Kunsill. Dan għaliex ħabba l-Oqbra Puniċi li nstabu fejn il-grawnd, jridu jaduhom minn ġol-ġnien. Wara ħa tinqala Triq Ħal Safi.

## 28.5 Ġurnata Sqallija

28.5.1 Il-membri kollha qablu li jixtiequ jagħmlu din l-attivita' issa li l-instabbilita tal-gwerra qed tonqos.

28.5.2 Ġie ssuġġerit li tinġib kwotazzjoni għall-ġurnata shopping u tiġi diksussa l-laqgħa li jmiss.

## 28.6 Diskussjoni Ġieh Ħal Kirkop u rikonoxximenti

26.6.1 Il-membri qablu li peress li jista' jkun hemm elezzjoni fil-qrib. Din għandha ssir bħalma dejjem saret fid-29 ta' Mejju, 2026. Jekk tiġi msejħa elezzjoni fil-viċin din titressaq għal 5 ta' Ġunju, 2026.

26.6.2 Ħa ssir laqgħa biex rikonoxximenti u dak koll li għandu x'jaqsam ma' din l-attivita' jiġi diskuss dakinhar.

## 28.7 Attivitajiet

28.7.1 Attivitajiet li issa l-Kunsill irid jippepara għalihom huma ta' Jum L-Omm, Ġieh Ħal Kikrkop, Minn Pjazza għal Pjazza (IrkottaFest), Darba waħda fil-Villaġġ.

## 28.8 Minn Pjazza għal Pjazza – IrkottaFest

28.8.1 Ħak Kirkop intgħazel biex isir Minn Pjazza għal Pjazza u fiha ħa jidħol l-element tal-IrkottaFest. Id-Direttur Artistiku ħa jkun is-Sur Daniel Cauchi. Il-każin ta' San Ġuzeppu u dak ta' San Anard ħa jarmaw u jkun relatat mal-Kultura.

## 28.9 Post Mortem – 5k Marathom

28.9.1 Saret laqgħa mal-marshalls u l-feedbak li ingħata kien li darboħtra ma tintużax it-Triq tal-Klinik u tiġi evitata Triq Danny Cremona

28.9.1.1 Il-Lokalita minn fejn japplikaw għandha titniżel ukoll fuq forms.

28.9.1.2 Id-data titiniżel minn qabel fil-kalendarju tal-Attivitajiet

## 28.10 Rapport tal-ilmenti

28.10.1 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet jekk fi Triq Nerik Xerri jistax isir 'yellow line' għaliex hemm persuna ma tistax toħroġ bil-vann mil-faċċata. Hemmhekk ġie l-perit ta' TM biex jitkellem huwa u jara huwa jekk tistax issir linja biex ma jipparkjawx. Il-perit jekk hemm garaxx u t-triq tinsab li hija dejqa, faċċata jsir 'no parking'.

28.10.2 Individwu staqsa lil bosta membri tal- Kunsill jekk jistax isir railing qabel fl-entratura tal-komun. Il-membri qablu li dan ma jistax isir, iktar u iktar għax housing jaqa' taħt il-gvern

28.10.3 Qek ikun hemm bosta lmenti fuq Triq San Bendittu fejn qed joqgħod l-ilma. Iżda fuq dan min-naħa tal-Kunsill ma jista jsir xejn . Ħa jkun hemm kommunikat ma' s-Sur Steve Ellul ta' infrastructure Malta biex naraw jistax isir xi ħaġa fuq dan ir-rigward.

## 26.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

26.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 173 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

28.10.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti SKeda numru 173 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mil-Viċi SIndku Bernice Caruana , bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 28.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

28.11.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju , 2026 fil-17:00hrs

28.11.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Matthew Agius Zammit**
*Sindku*

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Franklan Debono**
*Executive Secretary*

**Mozzjoni Ref:** /26 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 173 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 t' April , 2026

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** /26/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 27

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Jospeh Schembri |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 t'April , 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**